MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 616/2001/1

**Percius Car Hire Limited**

**vs**

**Richard Schembri**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Mejju, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1325.00), u fejn intqal:
Illi b'referenza ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-21 ta' Lulju, 2000, gewwa Burmarrad, bejn il-vettura bin-

numru GAC-303 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru BBK-035 proprjeta` tas-socjeta` attrici, liema incident sehh minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, is-socjeta` attrici qieghda titlob is-somma ta’ elf tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1325.00), jew somma verjuri, rapprezentanti danni li hija sofriet kawza tat-telf ta’ uzu tal-vettura taghha u danni konsegwenzjali;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta’ Settembru, 2001, fejn intqal:

Illi fiz-zmien ta’ l-incident, u cioe` fil-21 ta’ Lulju, 2001, il-konvenut kien assigurat mas-socjeta` Micallef Insurance Agency Ltd taht polza tat-tip comprehensive;

Illi wara l-incident in kwistjoni l-konvenut dahhal il-claim relattiv mas-socjeta` assiguratrici tieghu;

Illi s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut effettivament hallset lis-socjeta` attrici a bazi tal-claim tal-konvenut;

Illi s-socjeta` attrici accettat tali hlas;

Illi in vista tal-premess is-socjeta` attrici m’ghandha l-ebda dritt titlob l-ammont minnha pretiz fl-avviz odjern stante illi diga` thallset tal-pretensjonijiet taghha;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub ghandu jigi vverifikat u f’kull kaz l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ Mario Fenech u Mario Cumbo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Fil-kawza odjerna qed jintalab l-ammont ta' elf u tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm1350.00) ghall-telf ta' uzu li sofriet is-socjeta` attrici sakemm giet riparata l-vettura taghhom. Jirrizulta li l-vettura numru ta' registrazzjoni BBK-035 tas-socjeta` attrici kienet involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAC-303 proprjeta` tal-konvenut. L-incident kien sehh fil-21 ta' Lulju, 2000.

2. Jirrizulta li l-vettura tas-socjeta` attrici kienet pratikament gdida u dan gie konfermat ukoll minn Mario Cumbo, surveyor ta' Micallef Insurance Agency li kien ha hsieb il-"claim" tal-konvenut. Jirrizulta li l-vettura tas-socjeta` attrici garrbet hsara estensiva.

3. Jirrizulta li damet mija u sitt jum biex tissewwa, u dana minhabba li l-parts damu ma waslu. Skond l-istess surveyor, fost il-parts kien hemm "crash panels", u li dawna importanti sabiex tibda t-tiswija. Jirrizulta li xi parts waslu fit-22 ta' Lulju, 2000, filwaqt li r-rimanenti parts waslu fl-4 ta' Settembru, 2000.

4. Mario Fenech, direttur tas-socjeta` attrici spjega li l-bazi tat-talba taghhom kienet inhadmet fuq il-fatt li kirja ta' karrozza tiswa tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu (Lm12.50) jekk wiehed jiehu rata mhux gholja, u din fuq bazi ta' mija u sitt jum.

5. Il-konvenut qed jikkontendi li sar il-pagament ghas-saldu meta l-assigurazzjoni hallset id-danni. Kif ritenut mill-Qorti:

",,,jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kundizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma' offerta ta' pagament ghas-saldu." (App.Kumm. "William Apap vs Joseph Galea noe" dec 26 ta' Novembru, 1986)

6. Fil-kaz in ezami qatt ma gie dikjarat li l-pagament tad-danni li l-assigurazzjoni ghamlet kien pagament ghas-saldu. Fil-fatt jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet tkellmet mas-surveyor li rriferihom ghall-ufficju. Il-fatt li fil-claim tieghu l-konvenut ma inkludix l-eventwali “loss of use” ma jistghax jigi nterpretat bhala li s-socjeta` attrici kienet qed tirrinunzja ghall-tali loss of use. Ghalhekk l-eccezzjoni sollevata ma hix sostenibbli.

7. Dwar l-ammont reklamat dan, kif intqal inhadem a bazi ta’ tnax-il lira u hamsin centezmu (Lm12.50) kuljum. Pero` mid-Dok.A esebit jirrizulta li kemm il-darba karrozza tinkera ghall-aktar minn sebat ijiem ikun hemm riduzzjoni ghall-disa’ liri (Lm9.00) kuljum. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jhossx li ghandha tapplika r-rata msemmija ta’ tnax-il lira Maltija u hamsin centezmu kuljum, pero` lanqas ma ghandha tapplika ir-rata ta’ disa’ liri kuljum, u ghalhekk qed japplika rata ta’ ghaxar liri u hamsa u sebghin centezmu kuljum. Dawna fuq bazi ta’ 106 jum igibu l-ammont ta’ elf mija u disgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (LM1139.50).

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fl-ammont fuq indikat, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u disgha u tletin lira Maltija u hamsin centezmu (LM1139.50) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.”

Il-konvenut hass ruhu aggravat b’din id-decizjoni u minnha appella b’dawn l-obbjezzjonijiet:-

1. It-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-principju illi l-parti danneggjata ghandha l-obbligu li timminimizza d-danni.
2. L-istess Tribunal naqas milli jistharreg sew f’hiex kienu jikkonsistu d-danni, bazati fuq dokumenti konkreti, u mhux biss wara spekulazzjoni fl-astratt.
3. Inoltre it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-principju legali jekk hu qua assigurat taht polza “fully

comprehensive" setax jigi prosegwit ghad-danni konsegwenza ta' l-agir tas-socjeta` assiguratrici.

Hu evidenti minn ezami tar-rikors ta' l-appell illi lill-konvenut appellant sfuggielu ghal kollox il-fatt illi d-decizjoni nghatat mit-Tribunal krejat bl-Att V ta' l-1995 tant li hu kostantement jirreferi ghall-"ewwel Qorti" u mhux ghat-Tribunal.

Tajjeb ghalhekk li jigi mfakkar illi skond dan l-Att id-dritt ta' l-appell huwa limitat ghall-ipotesijiet prevvisti fl-Artikolu 8 (2) tieghu u mhux ghal kwalsiasi raguni jew motiv li l-parti sokkombenti jidhrilha opportun li tressaq.

Il-fatti tal-kaz huma pjuttost semplici u jistghu hawn brevement jigu sintetizzati:-

(1) Is-socjeta` attrici talbet ir-rizarciment tas-somma ndikata fl-avviz bhala danni korrispondenti ghaz-zmien li fih il-vettura proprjeta` taghha, ko-involta f'incident kawzat tort tal-konvenut, damet biex tissewwa. Kif minn din is-socjeta` definiti d-danni reklamati huma ghat-telf ta' uzu tal-vettura.
(2) Jirrizulta li b'kawza tal-incident il-car, li kienet ilha tintuza sena u nofs, sofriet hsart estensivi. Ara deposizzjoni ta' Mario Cumbo, surveyor tas-socjeta' assikuratrici Micallef Insurane Agency Limited. Biex issewwiet gew impjegati 106 jum u dan minhabba li l-parts damu ma waslu.
(3) Mario Fenech ghas-socjeta` attrici xehed li normalment skond l-istandard prices ta' din is-socjeta` vettura bhal dik danneggjata tinkera hmistax il-lira (Lm15) kuljum pero` ghal dan il-kaz il-kalkolu sar bir-rata ta' tnax il-lira u hamsin centezmu (Lm12.50) kuljum.

Mill-korp tas-sentenza jirrizulta illi t-Tribunal irrifletta sew fuq il-kaz u wara li qies it-tabella esebita mis-socjeta` attrici relattiva ghar-rati tal-kiri tal-karozzi ghadda biex jakkorda lis-socjeta` attrici kumpens ghal telf ta' uzu inferjuri ghal dak mitlub. Dan billi ghal kaz applika rata ta' disa liri (Lm9) kuljum.

Minn dan il-Qorti tosserva illi t-Tribunal korrettement applika l-principju ta’ l-ekwita` sancit fl-Artikolu 7 (1) tal-Kap 380, u allura ma tarax kif l-appell interpost jista’ jkun ammissibbli meta ma tirravvisa l-ebda lezjoni ghad-dettami ta’ l-ekwita` jew tal-imparzjalita` (Art 8 (2)(d)).

Issa anke kieku kellha din il-Qorti tokkupa ruhha minn dak sottomess ghall-attenzjoni taghha mill-appellant xorta wahda ma tarax kif il-lanjanzi tieghu jimmeritaw akkoljiment.

Hu minnu illi di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu (**Vol XL pII p653**), b’mod li jista’ jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta’ dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa’ dejjem il-fatt pero` illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b’pizijiet biex inaqqas il-hsara. (**Vol XXXVIII pI p249**).

Tinsorgi ghalhekk regola ohra daqstant iehor importanti f’materja ta’ danni fil-kollizjonijiet stradali. Din ir-regola tikkonferixxi lid-danneggjat id-dritt tar-“restitutio in integrum” b’mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz (“**Antonio Zammit –vs- Mario Calleja**” Appell, Sede Inferjuri, 12 ta’ Jannar 1977). Taht dan l-aspett ghalhekk is-socjeta’ attrici ghandha dritt tircievi dik is-somma ghaz-zmien li damet privata mill-uzu tal-karozza sakemm din issewwiet.

Mill-provi akkwiziti mill-process ma ngiebet l-ebda prova illi l-car damet biex tigi riparata minhabba htija tas-socjeta` attrici. Lanqas ma ngiebet prova illi l-appellant issostanzja l-aggravju tieghu f’dan il-kuntest. Fl-assenza ta’ prova illi kien it-tort tas-socjeta` attrici li damu biex gew l-ispare parts jew biex tissewwa l-vettura l-ilment ta’ l-appellant ma jistghax jigi milqugh.

It-tieni aggravju gja gie konsiderat u fuq kollox ma jidherx li hemm x’jizdied aktar mal-analizi maghmula mit-Tribunal fir-rigward tad-danni reklamati u likwidati. Kwantu ghat-tielet aggravju dan jidher li gie mitfugh sempliciment biex

l-appellant ikun adduca lanjanza ohra. Fil-verita` l-kwestjoni hemm ventilata ghandha titqies ‘res inter alios acta’ ghas-socjeta` attrici billi r-rapport guridiku taghha hu mal-appellant u mhux mal-assikurazzjoni tieghu. Hu jibqalu dejjem dritt ta’ rivalsa kontra s-socjeta` assikuratrici tieghu jekk hekk jidhirlu opportun.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------